MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2009

Numru 207/2008

**Il-Pulizija.**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs.**

**Patrick Borg**

Il-Qorti,

Regghet rat ir-rikors.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali.

Rat il-verbal tallum li bih l-Avukat Generali, wara li sema’ d-deposizzjoni ta’ Dr. Joseph Spiteri, rrimetta ruhu ghar-rikors b’dan li jigu mposti fuq ir-rikorrent kundizzjonijiet li kemm jista’ jkun iwasslu biex hu jibqa’ l-boghod mill-vizzju tad-droga.

Semghet lill-istess Dr. Joseph Spiteri fil-gurament.

Fic-cirkostanzi, tilqa’ t-talba w takkorda lir-rikorrent mill-gdid il-liberta’ provvizorja bil-kundizzjonijiet kollha li kien hemm fid-digriet originali ta’ din il-Qorti tal-21 t’Awissu, 2008 b’dan li ma dawn il-kundizzjonijiet jizdiedu s-segwenti :-

9. li r-rikorrent jirraporta fil-“Forensic Unit” tal-Isptar Monte Carmeli kull nhar ta’ Tnejn fl-10.00 a.m. biex jissottometti ruhu ghat-testijiet xjentifici ghall-presenza ta’ droga li ghandhom jigu kondotti mit-tabib psikjatra Dr. Joseph Spiteri jew l-assistenti tieghu kif jiddiriegi l-istess Dr. Joseph Spiteri, w li jirraporta f’kull jum iehor barra l-jum ta’ nhar ta’ Tnejn skond ma jordnalu l-istess Dr. Joseph Spiteri;
10. li jkompli jiehu l-kura medika psikjatrika li ordnalu l-istess tabib Dr. Joseph Spiteri ghal kemm hemm bzonn;
11. li jibqa’ jirrisjedi ma ommu Mary Borg fl-indirizz 62, La Florette, Triq Geronimo Abos, Iklin

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------